

Brussell, 30 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5753/26

FIN 140  
PE-L 6

## NOTA PUNT "I/A"

---

minn: Kumitat tal-Baġit  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024

- *Adozzjoni*
  - *Approvazzjoni ta' ittra*
- 

1. F'konformità mal-atti ta' stabbiliment rilevanti u, fil-każ tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, f'konformità wkoll mal-Artikolu 70(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2024/2509<sup>1</sup>, il-Kunsill huwa mitlub ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

2. Fil-laqgħat tiegħu tat-8 u s-16 ta' Jannar 2026, il-Kumitat tal-Baġit eżamina r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2024<sup>2</sup>, u laħaq qbil dwar l-abbozzi tat-testi kif jinsabu fl-Addendum.
3. Il-Kumitat tal-Baġit jirrakkomanda lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jissuġġerixxi lill-Kunsill:
  - jadotta l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet kif jinsabu fl-Addendum għal din in-nota; u
  - jieħu ħsieb biex dawn jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u japprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan.

---

---

<sup>2</sup> ĠU C, C/2025/5736, 31.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5736/oj>.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-atti ta' stabbiliment rilevanti u, fir-rigward tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, anki f'konformità mal-Artikolu 70(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2024/2509<sup>1</sup>, qed nibgħat separatament<sup>2</sup> ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2026 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024.

[Formola tal-għeluq]

---

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

<sup>2</sup> Dok. 5753/26 + ADD 1.